MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 186/2001/1

**Carmen Demicoli.**

**vs.**

**Emanuel Demicoli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Frar 2001 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fl-20 ta’ Settembru 1995 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmmarkat bhala Dok. “A”;

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal li sa llum ghandhom minuri, u cjoe` Julius ta' erba (4) snin u Matias ta' tlett (3) snin;

Illi l-konvenut sar hati kontra l-attrici, martu, ta' sevizzji, minaccji u ngurji gravi, b'mod li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1770/00 (anness u mmarkat bhala Dok. "B");

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Demicoli minhabba sevizzji, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta fuq martu u/jew minhabba li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment;

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Julius u Matias f'idejn l-attrici;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha, u ghall-imsemmija uliedha minuri, dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;

(4) Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrappprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

(5) Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

(6) Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 19 ta' Settembru 2001 fejn talbet li tigi awtorizzata illi tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali;
Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2001 fejn Dr. Edwina Grima assumiet il-patrocinju ta' l-attrici u tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 1 ta' Novembru 2001 fejn talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tinnotifika lill-konvenut permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u f'gazzetta lokali wahda *ai termini* ta' l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat id-digriet tat-12 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba b'dan li n-notifika ssir ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett, fl-ufficju tal-kunsill lokali u wkoll bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gazzetti lokali;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut datata 22 ta' Jannar 2002 (a fol. 20) fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan peress illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet reza mpossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi u

minhabba stat ta’ fatt imputabbli lill-attrici illi gab mieghu inkompatibilita` serja ta’ karattru;

2. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda u l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata f’idejn il-partijiet konguntivament, b’dan illi l-istess minuri jirrisjedu principalment ma’ l-attrici, u l-eccipjenti jkollu access regolari skond modalitajiet determinanti iffissati minn din l-Onorabbli Qorti favur l-istess eccipjenti;

3. Illi t-tielet talba attrici hija opposta in kwantu tirrigwarda t-talba ghall-manteniment ghall-istess attrici, *stante* illi l-attrici ghadha zghira u hija ferm kapaci illi tahdem u taqla` l-ghixien taghha u ghaldaqstant m’hemmx lok ta’ manteniment ghaliha skond il-ligi;

4. Illi r-raba u l-hames talbiet attrici rispettivament m’humiex opposti;

5. Illi s-sitt talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attrici *stante* illi l-eccipjenti ma jaghtix ghall-firda bejn il-partijiet, li *se mai* rrizultat unikament minhabba l-atitudni ta’ l-istess attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, a fol. 20 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-imsemmi konvenut (a fol. 22);

Rat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 12 ta’ Dicembru 2000 a fol. 8 tal-process fejn l-attrici giet awtorizzata li tipprocedi ghas-separazzjoni, inghatat il-kura u l-kustodja tal-minuri bi dritt ta’ access favur il-konvenut kull nhar ta’ Tnejn u Hamis bejn il-hamsa u nofs ta’ filghaxija (5.30.p.m.) u s-sebgha ta’ filghaxija (7.00.p.m.) u kull nhar ta’ Sibt bejn is-saghtejn (2.00.p.m.) u l-hamsa ta’ filghaxija (5.00.p.m.) u ordnat lill-konvenut ihallas bhala manteniment lill-attrici s-somma ta’ ghaxar

Liri Maltin (Lm10) kull gimgha u ghall-minuri l-ammont ta' tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha.

Rat ir-rikors tal-konvenut (1) datat 18 ta' Marzu 2002 (fol. 24) fejn talab lill-Qorti sabiex tvarja d-digriet numru 1770/00 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili billi tirrevoka ghal kollox l-ordni tal-hlas ta' manteniment ghall-intimata u tiffissa retta alimentari ghall-minuri;

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 12 ta' April 2002.

Rat id-digriet tas-16 ta' April 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba;

Rat l-avviz tas-17 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace;

Rat ir-rikors ta' l-attrici (1) tat-30 ta' April 2002 fejn talbet il-varjazzjoni ta' l-access tal-missier ghall-minuri;
Rat ir-risposta tal-konvenut datata 21 ta' Ottubru 2002 (fol. 39).

Rat id-digriet tas-26 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili hlief rigward il-gurnata tas-Sibt fejn l-access ikun darba minn nofsinhar (12.00 p.m.) sas-saghtejn ta' wara nofsinhar (2.00 p.m.) u darba minn nofsinhar (12.00 p.m.) sat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00 p.m.) alternattivament u li l-access u l-kura u l-kustodja ghandu jigi ezercitat esklussivament mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju u inghata digriet ta' l-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' tletin jum kull wiehed;

Rat in-nota ta' l-attrici (a fol. 95) fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha, xi dokumenti u nota spjegattiva li lkoll gew pprezentati fis-seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju datata 20 ta' Novembru 2002

Rat l-affidavit ta’ Carmen Demicoli (a fol. 46), ta’ Angela Barbara (a fol. 63), ta’ Antoine Xerri (a fol. 74) u ta’ Joanne Zammit (a fol. 76), ipprezentati mill-attrici;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju tat-28 ta’ Marzu 2003 fejn xehdet l-attrici (a fol. 152) u ta’ l-10 ta’ April 2003 fejn kompliet tixhed l-attrici (a fol. 173);

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Frar 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu u dokumenti;

Rat l-affidavit ta’ Rose Camilleri (a fol. 178); tal-konvenut stess (a fol. 180) ipprezentati mill-konvenut;

Rat ix-xhieda tal-konvenut a fol. 200;

Rat ix-xhieda ta’ Edwin Mallia a fol. 212;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2003 fejn inghata il-fakolta` lill-partijiet li jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 8 ta’ Gunju 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex takkordalu access ulterjuri ghall-minuri, Julius, sabiex il-konvenut ikun jista` jattendi ghall-quddiesa tal-precett ta’ l-istess imsemmi minuri;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut datata 23 ta’ Jannar 2004;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-attrici a fol. 233;
Rat ir-rikors tal-konvenut datat 15 ta’ Dicembru 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevoka ghal kollox l-ordni ghall-hlas ta’ manteniment ghall-intimata;

Rat id-digriet datat 25 ta’ Frar 2004 fejn cahdet it-talba;

Rat ix-xhieda kollha proodotta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PENDENZA ODJERNA.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn dwar il-kwistjoni ta' responsabbilta' jirrizulta li d-divergenzi bejn il-partijiet li wasslu ghal din is-separazzjoni kienu jikkonsistu principarjament dwar problemi finanzjarji ta' bejniethom, inkluz il-kwistjoni li ddominat il-provi kollha bejn il-partijiet ta' kif kellu jithallas il-finanzjament ta' l-akkwist tal-fond matrimonjali u wara kif kellu jithallas id-dejn mal-bank tul il-konvivenza ta' bejniethom. Harsa lejn l-affidavit ta' l-attrici ta' hmistax il-pagna, datat 6 ta' Novembru 2002 jikkonferma dan kollu. Illi fil-fatt l-affidavit kollha taghha huwa sensiela ta' kunteggi ta' kif inxtara l-post, kif sar is-self u l-flus li inhargu ghat-tieg. Mill-istess xhieda jirrizulta li l-istess attrici allegat li kwazi ghamlet fronti ghad-dejn kollu li kien hemm fuq l-post, primarjament bix-xoghol taghha, tant li kienet tallega li kienet kostretta tibqa' ghax-xoghol *nonostante* t-tqala' taghha, u meta waqfet mix-xoghol l-istess pagamenti tas-self tal-bank baqa' ma thallasx; tallega li ftit jew xejn irceviet manteniment minghand zewgha ghaliex dejjem jghid li ma ghandhux flus. Fil-fatt ittiehdet id-decizjoni li dan l-imbierek post jinbiegh, izda sadanittant jidher li l-attrici kienet qatghet qalba mill-konvenut, ghaliex skond hija ma zammx mal-weghdi tieghu, u fil-fatt naqas li jipprovdi ghaliha u ghal uliedu.  Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad dan kollu u jallega li huwa dejjem ghamel il-parti tieghu sabiex jithallas dan id-dejn, izda dan ma kienx bizzejjed ghall-attrici, u din baqghet hekk sakemm inbiegh il-post li kellhom bejniethom, u wara l-attrici zammet l-flus kollha ghandha peress li sarrfet ic-cekkijiet li kienu anke fuq isem il-konvenut u abbandunat b'uliedha lill-konvenut. L-affidavit tal-konvenut kollu kwazi kemm huwa jittratta fuq dawn il-kunteggi, izda jirrizulta, ammess miz-zewg partijiet, li dan id-disgwid kien wassal ghall-glied

kontinwu bejn l-istess konjugi, u fuq dan hemm il-kaz ta’ firda personali bejn il-partijiet.

## (II) RESPONSABBILTA` TAL-FIRDA.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan iz-zwieg tkisser minhabba problemi finanzjarji li affacjat ruhha maghhom din il-koppja specjalment fl-akkwist u finanzjarjament ta’ dak li kellha tkun id-dar konjugali. Fil-fatt li l-affidavits tal-partijiet fil-kawza, jitrattaw principarjament dwar rendikont ta’ l-ispejjez li thallsu jew ma thallsux u fil-fatt il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija dik ta’ kif ghandu jinqasam il-bilanc mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali, kif jidhru anke n-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet stess.
Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li z-zewg partijiet sfortunatament ma kenux kapaci jsolvu l-istess problemi fil-kwiet, problemi li fuq kollox kull familja, jew ahjar kwazi kull familja llum tiffacjahom kawza tal-hajja li llum qed nghixu. Dawn il-problemi finanzjarji, anke minhabba d-dejn li kien jezisti fuq il-fond, wasslu ghal diversi ncidenti ta’ glied bejn il-partijiet, fejn l-attrici takkuza lill-konvenut li ma kienx qed jaghmel bizzejjed sabiex il-pozizzjoni ta’ finanzi timmeljora ruhha, u fejn il-konvenut jakkuza lill-attrici li din kienet iffisata fuq il-flus, tant li baqghet tahdem anke meta ma kenitx verament tiflah, anke minhabba t-twelid tat-trabi.
Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta lil din il-Qorti, u dan anke mill-provi prodotti mill-partijiet stess, li bejniethom kien hemm in-nuqqas serju ta’ komunikazzjoni, anke dovuta ghall-pressjoni finanzjarja li huma dahlu fiha, li ma kienux kapaci jimmanigjaw flimkien, bir-rizultat li dan wassal ghall-litigji kontinwi bejn il-partijiet, bil-konsegwenza li l-attrici qatghet qalbha mis-serjeta` tal-konvenut, u wara li nbiegh il-post mertu tal-kawza odjerna, halliet id-dar konjugali u l-konvenut illum jidher li accetta din is-sitwazzjoni.
Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti thoss li l-firda personali bejn il-partijiet ghandha tigi pronunzjata ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet minhabba eccessi, sevizzi u mohqrija pprattikata minn parti fuq ohra rispettivament, u

wkoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**(III) KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-assi principali tal-komunjoni ta' l-akkwisti kien fil-fatt Flat 12, Christabelle Apartments, Triq Martino De Redin, St. Paul's Bay u l-garage 19, Triq Emanuel Pinto, St. Paul's Bay.

Illi jirrizulta mill-provi li dawn l-istess immobbli gew mibjugha b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella datata 22 ta' Mejju 2000 (Dok. "ED4"), u fil-fatt il-bank thallas l-ammont dovut lilu tas-self fuq l-istess fondi fil-*Loan Accounts* 33411124018 u 33411124021. Bhala bilanc kien baqa` s-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin Lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm20,632.69) kif jirrizulta mill-kopja ta' cekkijiet u *bank drafts* mahruga fuq il-konjugi Demicoli bhala Dok. "ED8" (Lm4,100 + Lm5,300 + Lm11,232.69 = Lm20,632.69).

Illi fil-fatt jirrizulta li l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija kif ghandhom jigu maqsuma dawn il-flejjes mir-rikavat tal-bejgh ta' dak li kellha tkun id-dar matrimonjali. Jirrzulta li ghalkemm l-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin Lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm20,632.69) gew mahruga f'isem iz-zewg partijiet, kienet l-attrici li approprijat ruhha mill-istess, billi unilateralment sarrfithom, u minnhom hallset is-somma ta' ghaxart elef Lira Malija (Lm10,000) lill-genituri taghha jew lil ommha u dan ghall-flejjes li hija tikkontendi li hija kienet isselfet ghall-akkwist ta' l-immobbli, konsistenti f'pagamenti ta' sebat elef, sebgha mija u sittin Lira Maltija (Lm7,760), sitt mija u sebgha u sebghin Lira Maltija u disa` centezmi (Lm677.09), mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm275), (tmien Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50) u elf Lira Maltija (Lm1,000) kollox kif indikat fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici. Mill-bilanc thallsu ukol is-sommom ta' elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltija (Lm1,858), mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm275) u (tmien Liri Maltin u hamsin centezmu) Lm8.50 skond Dok. "CD 8" u dan skond l-attrici halla bilanc ta' sebat elef, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm7,858.50).

Illi minn dan l-istess ammont, l-attrici ssostni wkoll li kien hemm spejjez ulterjuri ghall-kera tal-fond taghha, spejjez ta' din il-kawza, manteniment ulterjuri tal-minuri, apparti pretensjonijiet ohra fuq l-allegata somma ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) li skond hija, l-konjugi dahlu fl-okkazjoni tat-tieg taghhom u s-somma ta' tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) li hija qed tghid li gew utilizzati mill-konvenut.
Illi minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li mill-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin Lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm20,632.69) (huwa *in verita'* issemmi s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm21,000)) ghandhom jitnaqqsu s-somma ta' sebat elf, sebgha mija u sittin Lira Maltija (Lm7,760) dovuti lill-genituri ta' l-attrici, u s-sommom ta' elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltija (Lm1,858), mitejn u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm275), u tmien Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50) bhala spejjez tal-kuntrattt, li jhallu bilanc ta' hdax-il elf, mija u wiehed Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm11,101.50) li huwa qed jippretendi li jithallsu bin-nofs.
Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa d-dokumenti kollha esebiti u r-ricevuti kollha relattivi u x-xhieda kollha tal-partijiet jirrizultalha li l-ammont misluf mill-genituri ta' l-attrici huwa dak attwalment accettat mill-istess konvenut fis-somma ta' sebat elef, sebgha mija u sittin Lira Maltija (Lm7,760), izda ma' dan irid jizdied l-ammont ta' elfejn Lira Maltija (Lm2,000) li l-konvenut fl-affidavit tieghu jammetti li l-attrici kienet hallset bhala l-ewwel pagament fuq l-istess post, u dan mill-assi parafernali taghha.
Illi dwar l-ammonti l-ohra pretizi mill-attrici ma jirrizultax li l-attrici ppruvat sodisfacentement li dawn kienu flus mislufa wkoll mill-genituri taghha lill-konvenut. Fil-fatt dawn l-ammonti ulterjuri dejjem gew ikkontestati mill-konvenut. Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-pagamenti ghall-istess hlasijiet ulterjuri thallsu mill-flejjes tal-konjugi u ghalhekk mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk mill-introjtu rispettiv tal-partijiet waqt iz-zwieg u fil-fatt ir-ricevuti kollha relattivi huma fil-maggor parti taghhom kollha favur il-konvenut wahdu jew inkellla fuq l-istess zewg konjugi.
Illi ghahekk f'dan l-sfond u stat ta' provi din il-Qorti thoss li l-pretensjonijiet ulterjuri ta' l-attrici ma gewx ippruvati u lanqas sostanzjati kif rikjest mill-ligi u f'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li l-oneru ta' prova ta' l-allegazzjonijiet u

pretensjonijiet attrici li kienu jinkombu fuqha ma gewx in effetti sodisfatti minnha.
Illi huwa veru li hemm skrittura privata datat 11 ta' Marzu 1995 fl-ammont ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) iffirmata mill-attrici favur il-genituri taghha, pero' din saret qabel iz-zwieg tal-kontendenti u f'din il-konvenut certament ma kienx konpartecipi u l-istess allura ma taghmilx fronte ghall-konvenut.
Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li mill-ammont ta' ghoxrin elf, sitt mija u tnejn u tletin Lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm20,632.69) ghandha titnaqqas is-somma ta' sebat elef, sebgha mija u sittin Lira Maltija (Lm7,760) dovuta lill-genituri ta' l-attrici u li fil-fatt gja thallsu mill-attrici lill imsemmija kredituri, is-somma ulterjuri ta' elfejn Lira Maltija (Lm2,000) li huwa kreditu parafernali ta' l-attrici, peress li l-attrici kienet hallset proprju l-istess somma ghall-akkwist originali tal-post in kwistjoni, somma li gja hadet l-attrici mir-rikavat tal-bejgh ta' l-istess post, u fl-ahharnett l-ispejjez tal-kuntratt ta' bejgh fl-ammonti rispettivi ta' elf, tmien mija u tmienja u hamsin Lira Maltija (Lm1,858), mitejn u hamsa u sebghin Lira Malitja (Lm275) u tmien Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50), li dwarhom hemm qbil bejn il-partijiet u dan ihalli bilanc ta' tmint elef, sebgha mija u wiehed u tletin Lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm8,731.19) [(LM20,632.69 – Lm7,760 – Lm2,000 – Lm1,858 – Lm275 – Lm8.50 = Lm8,731.19)].
Illi dan l-ammont ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet bhala sehem ta' kull wiehd mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u peress li jirrizulta mill-provi u ammess mill-attrici li hija zammet ghandha l-flus kollha ghandha u dan wara li sarrfet illegalment ic-cekkijiet u d-*drafts* kollha mahruga fuqha u fuq il-konvenut, l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-sehem tieghu ta' erbat elef, tlett mija u hamsa u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm4,365.60) (nofs l-ammont ta' tmint elef, sebgha mija u wiehed u tletin Lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm8,731.19) bl-imghax legali ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mit-22 ta' Mejju 2000 sa l-effettiv pagament.
Illi ghalhekk il-pretensjonijiet l-ohra ta' l-attrici dwar somom ulterjuri li kellhom jitnaqqsu mir-rikavat ta' l-imsemmi bejgh ma humiex qed jigu accettati *stante* li ma

humiex *in parte* ppruvati u *in parte* u wkoll mhux gustifikati.
Illi dwar l-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, fejn huwa prattikament ceda kwazi kollox lill-attrici, l-istess mobbli qed jigu effettivament assenjati kollha lill-attrici, bl-eccezzjoni tas-salott tal-*cane* li ghandu jigi assenjat lill-konvenut.
Illi dwar l-oggetti kollha parafernali ta' l-attrici li jinsabu indikati fil-lista taghha esebita bhala Dok. "CD 19" bl-eccezzjoni tas-salott tal-*cane* imsemmi, dawn qed jigu assenjati lill-attrici u dan *per saldo* ghal kull pretensjoni taghha fuq l-istess assi parafernali taghha u s-sehem taghha mill-komunjoni, anke *in vista* ta' l-assenjazzjonijiet gja maghmula fil-paragrafu precedenti ghal dan.

**(IV) <u>KURA U KUSTODJA.</u>**

Illi jirrizulta li l-kontendent ghandhom zewgt itfal, Julius ta' seba` (7) snin u Matias ta' sitt (6) snin, u dawn qed jghixu ma' l-attrici, u allura l-kura u l-kustodja ta' l-istess ghandha tigi fdata fl-interess tal-minuri f'idejn l-attrici bi dritt ta' access favur il-konvenut kull nhar ta' Tnejn u Hamis bejn il-hamsa u nofs u t-tmienja ta' filghaxija (5.30.p.m. u t-8.00.p.m.) u kull nhar ta' Sibt bejn nofsinhar u l-erbgha ta' wara nofsinhar (12.00.p.m. u l-4.00.p.m. b'dan li d-digrieti vigenti inkluzi dawk tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili qed jigu varjat b'effett mid-data ta' din is-sentenza b'dan il-mod. It-tfal jittiehdu u jingiebu lura mir-residenza ta' l-attrici.

**(V) <u>MANTENIMENT.</u>**

Illi d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili huwa fis-sens li l-konvenut gie ordnat ihallas l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha kwantu ghal tlettin lira Maltija (Lm30) ghall-minuri u kwantu ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghall-attrici, izda jirrizulta li l-attrici llum tahdem u ghalhekk ma ghandha l-ebda dritt ta' manteniment kontra l-konvenut.
Illi dwar manteniment tal-minuri jirrizulta li l-istess konvenut ghandu ntrojtu ta' cirka tlett mija u hamsin Lira Malija u erbgha mitt Lira Maltija (Lm350 u Lm400) fix-xahar u ghalhekk filwaqt li certament l-attrici ghandha

tikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri, li certament dan qed taghmlu peress li l-istess minuri qed jghixu maghha u llum qed tahdem, tordna lil-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri is-somma ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fil-gimgha, tnejn u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm22.50 ghal kull minuri) u dan fir-residenza ta’ l-istess attrici b’effett mid-data ta’ l-istess sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan ill:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Demicoli minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet minhabba eccessi, sevizzi u mohqrija pprattikata minn parti fuq ohra rispettivament, u wkoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru li kawza ta’ l-istess iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.
2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Julius u Matias f’idejn l-attrici bi dritt ta’ access favur il-konvenut kull nhar ta’ Tnejn u Hamis bejn il-hamsa u nofs ta’ filghaxija u t-tmienja ta’ filghaxija (5.30.p.m. sal-8.00.p.m.) u kull nhar ta’ Sibt bejn nofsinhar u l-erbgha ta’ wara nofsinhar (12.00.p.m. u 4.00.p.m) u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza b’dan il-mod. It-tfal jittiehdu u jingiebu lura mir-residenza ta’ l-attrici.

3. Tichad it-talba ta’ l-attrici proprju ghall-manteniment ghaliha u dan peress li jirrizulta li l-istess llum ghandha impjieg, izda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghan-nom ta’ l-istess minuri bhala manteniment ghall-imsemmija ulieda minuri, r-retta alimentarja fis-somma ta’ hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm45) fil-gimgha, tnejn u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm22.50 ghal kull minuri) u dan pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici b’effett mid-data ta’ l-istess sentenza.

4. Tilqa’ din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u in likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess u *in vista* ta’ dak kollu fuq indikat u l-kostatazzjonijiet fuq maghmula tordna lill-attrici thallas lill-konvenut is-sehem tieghu ta’ erbat elef, tliet mija u hamsa u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm4,365.60 - nofs l-ammont ta’ tmint elef, sebgha mija u wiehed u tletin Lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm8,731.19) bl-imghax legali ta’ hamsa fil-mija (5%) b’effett mit-22 ta’ Mejju 2000 sa l-effettiv pagament, bhala sehem il-konvenut mir-rikavat ta’ bejgh ta’ l-immobbli fuq indikat.

Illi dwar l-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, u *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-konvenut fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu, fejn huwa prattikament ceda kwazi kollox lill-attrici, l-istess mobbli qed jigu effettivament assenjati kollha lill-attrici, bl-eccezzjoni tas-salott tal-*cane* li qed jigi assenjat lill-konvenut.

Illi dwar l-oggetti kollha parafernali ta’ l-attrici li jinsabu indikati fil-lista taghha esebita bhala Dok. “CD 19” bl-eccezzjoni tas-salott tal-*cane* imsemmi, dawn qed jigu assenjati lill-attrici u dan *per saldo* ghall kull pretensjoni taghha fuq l-istess assi parafernali taghha u s-sehem taghha mill-komunjoni, anke *in vista* ta’ l-assenjazzjonijiet gja maghmula fil-paragrafu precedenti ghal dan.

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha li jinsabu indikati fil-lista taghha esebita bhala Dok. “CD 19” bl-eccezzjoni tas-salott tal-*cane* imsemmi.

6. Tapplika kontra l-konvenut u l-attrici is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 (1) (a) u (b) tal-Kap 16.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------